Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2072

14.10.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2072

## tat-13 ta’ Ottubru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta’ armi kimiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta’ Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 [1].

(2) Il-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 japplikaw sas-16 ta’ Ottubru 2025. Abbażi ta’ rieżami tal-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544, jenħtieġ li l-miżuri stipulati fl-Artikoli 2 u 3 ta’ dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet, u l-korpi elenkati f’dak l-Anness jiġu estiżi sas-16 ta’ Ottubru 2026.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-16 ta’ Ottubru 2026. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta’ Ottubru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. HUMMELGAARD

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta’ Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta’ armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1544/oj).